MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Appell Kriminali Numru. 1/2014

Appell Nru: 1/2014

Il-Pulizija

Spettur Frans Micallef

Spettur Spiridione Zammit

Vs

Mario Mifsud

Illum, 2 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Mario Mifsud, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 34665M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-16 ta' Dicembru, 2013 għal-ħabta ta' 2.45pm u/jew hinijiet wara waqt li kien bil-vettura Chevrolet Kalos numru tar-registrazzjoni ABU-164 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal Luqa u/jew postijiet ohra f'dawn il-gzejjer:

Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-gwardjani lokali GO626 Alicia Cianco u GO Maria Mifsud, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwat li dawn kienu qed jaġixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi inġurja, jew hedded, jew ghamel offiża fuq il-persuni ta' GO626 Alicia Cianco u GO630 Maria Mifsud persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car ikkaġuna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe' fuq GO626 Alicia Cianco skond kif iċċertifikat Dr. Jennifer Sultana mic-centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil GO626 Alicia Cianco u GO 630 Maria Mifsud jghamlu dak li b'ligi jkun ordnat jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubiddjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-kodici jew ta' liġi ohra.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi meta kien involut f'incident ta' traffiku naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikularitajiet teighu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirrapporta l-imsemmi inċident lil Pulizija jew gwardjani lokali.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura meta ma kellux kontroll assolut tal-istess vettura.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata u perikoluża.

Ukoll talli fl-istess ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eċċessiv.

B'hekk sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 96(a), 85(1), 221, 222, 333(ee), 45, 50, 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 67, 68, 127 tal-Legislazzjoni sussidjarja 65.11 u l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi miġjuba fil-konfront tieghu iżda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberat lill-hati bil-kunidzzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi żmien sentejn.

Wara li rat l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lil hati milli jkollu liċenzja tas-sewqan ghal żmien tlett (3) xhur.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghedet lil hati taht garanzija sabiex iżomm il-kwiet u l-bon ordni fil-konfront ta' GO626 Alicia Cianco u GO630 Maria Mifsud taht penali ta' elf euro (€1000) ghal żmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor f'dan il-perjodu ta' libertà taht kondizzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkofnermha fejn sabithu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti, tikkonfermaha wkoll fejn applikat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, thassar u tirrevoka u tikkanċella l-parti tas-sentenza fejn applikat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell huwa limitat biss inkwantu ghal dak li jikkonċerna l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti issospendiet il-licnejza tas-sewqan tal-appellant.

Illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligjiet ta' Malta.

Illi dan l-artikou jghid is-segwenti:-

'Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lillħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ talewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.'

Illi l-Qorti ma applikatx il-piena taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, iżda applikat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' malta li jghid is-segwenti:-

"... fil-qies tac-crikostanzi tal-kaz, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-hati, ma jkunx spedjenti li twahhal piena... il-Qorti tista' taghmel ordni li biha... tillibera lill-hati bla hsara ghall-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor matul dak il-perjodu... skond ma jiġi speċifikat f'dik l-istess ordni."

Illi l-appellant jikkontendi illi "conditional discharge" ma tekwivalix ghal kundanna u hawn jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Denis Borg moghtija fl-20 ta' Marzu, 2000.

Illi f'din is-sentnza msemmija, il-Qorti hasset li peress li ma kienx hemm kundanna mill-ewwel Qorti, ma setghet qatt ġiet applikata l-interdizzjoni ġenerali fit-termini tal-artikolu 109 tal-Kodici Kriminali. Kieku l-Qorti ma tatx conditional discharge, hawn ukoll l-interdizzjoni ġenerali kienet tkun konsewgwenzjali ghas-sejbien ta' htija taht l-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali.

Illi similment, anke f'dan il-kaz, il-Qorti, meta applikat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta minflok ma applikat il-piena kif kontemplata fl-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setghetx issa twahal is-sospensjoni tal-licenzja ghaliex qed tikkontradixxi lilha nnifisha.

Illi l-appellant ser jaghmel ukoll referenza ghac-cirkostanzi tieghu li huma s-segwenti:-

Illi l-appellant irabbi żewġt itfal minuri, Lydon Borg li llum ghandu seba' snin, ta' min huwa kuratur, kif ukoll Aisha Mifsud, bintu li ghandha hames snin.

Illi l-imsemmi Lydon ibati minn authism akuta u l-appellant jiddedika hajtu ghall-imsemmi minuri, u dan avolja m'huwiex il-missier naturali tal-minuri.

Illi l-appellant irabbi lil dawn iz-zewgt itfal wahdu minghajr ebda ghajnuna u ghalhekk, il-minuri jiddependu totalment fuq l-appellant.

Illi l-appellant ikollu diversi appuntamenti fil-gimgha minhabba l-minuri Lydon u dan peress li l-problema li ghandu Lydon tirrikjedi hafna u hafna hin. Fil-fatt, illum il-gurnata, il-minri avvanza hafna u dan wara l-insistenza tal-appellant sabiex Lydon jiġi l-quddiem.

Illi l-genituri tal-appellant huma kbar hafna fl-eta u ghalhekk, m'ghandux ghajnuna min-naha taghhom. Apparti l-genituri tieghu l-appellant ghandu ohtu li din pero' ghandha bżonnijiet speċjali li wkoll jiehu hsieb l-appellant.

Illi omm il-minuri tghix hajja rafrettarja ghall-ahhar u fil-fatt, l-omm hija kompletament maqtugha mill-hajja ta' tali minuri msemmija.

Illi ghalhekk l-piena in kwantu ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja se jaghmel il-hajja tal-appellant ferm diffiċli anke minhabba li l-aktar li se jbatu minn din il-piena huma t-tfal minuri li jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant.

Illi apparti dan kollu, l-apellant ammetta fi stadju bikri u ghalhekk ikkopera pjenament mal-prosekuzzjoni kif ukoll mal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi fis-sittax (16) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' waranofsinhar (2:45 p.m.) l-appellant kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABU 164 fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal Luqa. Waqt illi kien qed isuq kien qieghed jirrispondi telephone cellulari. Dak il-hin ratu gwardjan lokali, waqqfitu u tatu citazzjoni. Inqala' incident bejn l-appellant u l-gwardjan lokali meta l-appellant ha ritratt tal-gwardjan lokali peress illi deherlu illi kienet bil-mobile minn taht il-helmet. Sussegwentement gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

Fl-ewwel seduta tas-sbatax (17) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) l-appellant wiegeb illi kien hati tal-akkuzi u l-Qorti ghaddiet ghall-kundanna tieghu fejn applikat l-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn kif ukoll skwalifikatu mil-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u appella limitatament in kwantu ghal dak li jikkoncerna l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti issospendiet il-licenzja tas-sewqan tal-appellant. L-appellant argumenta illi conditional discharge ma tikkwalifikax bhala kundanna u ghalhekk ma kienx japplika l-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-Qorti kellha bilfors tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan.

Ikkunsidrat:

In sostenn tal-argument tieghu l-appellant ikkwota s-sentenza "Il-Pulizija versus Dennis Borg" moghtija fl-20 ta' Marzu 2000. Din il-Qorti m'ghandha xejn x'ticcensura f'din is-sentenza fejn hasset li "conditional dischrage" ma setghetx tiqies bhala kundanna. Però din il-Qorti targumenta illi l-iskwalifika tohrog bhala konsegwenza tar-reat u mhux tal-piena. L-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jghid, "Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, il-Qorti, b'zieda tal-piena taht is-sub artikolu (1) ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan f'kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux anqas minn tlett xhur, u f'kaz tat-tieni kundanna, jew kundanna ohra, ghal zmien ta' mhux anqas minn sena." L-appellant ma jistax jargumenta illi la l-Qorti ma applikatax il-piena, kwandi s-sub artikolu (1) tal-artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx. Din il-Qorti targumenta illi l-kelma promotur f'dan l-artikolu huwa proprju "ir-reat". Il-piena hija konsegwenza ghar-reat u l-istess l-iskwalifika tal-licenzja. Filwaqt illi l-piena hija fakultattiva ghall-Qorti u ghandha parametri fuqxiex tiddeciedi, l-iskwalifika m'ghandhiex peress illi dina hija tassattiva li ma thalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. L-unici parametri huma dawk dwar jekk il-kundanna kinitx l-ewwel darba jew ghal aktar minn darba, f'liema kaz l-iskwalifika tigi estiza skont il-kaz. F'dan il-kaz il-Qorti iddecidiet illi tmur ghal minimu u imponiet terminu ta' skwalifika ghal tlett (3) xhur.

Ikkunsidrat:

Minbarra l-ewwel argument, l-appellant ressaq ukoll ilment illi huwa jiddependi hafna mis-sewqan minhabba problemi illi ghandu familjari fis-sens illi qed irabbi wahdu zewgt itfal minuri u li wiehed minnhom ibaghti minn autism akuta u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-licenzja ser jaghmel il-hajja tal-appellant ferm difficli anke minhabba li l-aktar li ser ibaghtu minn din il-piena huma t-tfal minuri illi jiddependu b'mod assolut fuq l-appellant. Din il-Qorti ma

jidhrilhiex illi dan l-ahhar ilment tal-appellant jista' jigi milqugh peress illi l-qrati taghna dejjem argumentaw illi persuna li jiddependi mis-sewqan ma jintitolahx illi jmur kontra l-ligi. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu ... "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Kif già nghad il-Qorti applikat l-iskwalifika fil-minimu taghha dovut mhux ftit ghall-fatt illi l-appellant ammetta fi stadju bikri tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti mill-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------